**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 24 ta' Jannar 2017**

**Rikors Guramentat Numru:- 68/2014JVC**

**Joebert Galea u Carla Galea**

**Vs**

**John Magro u Alfrida Magro**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:-

1. Illi l-esponenti huma proprjetarji tal-fond "Lawrence" Triq Borg Gharib, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, liema fond huwa accessibbli wkoll minn passagg limitrofu li jizbokka fi Triq Simirat, Ghajnsielem;

2. Illi huma kienu jaccedu liberament u minghajr xkiel minn dan il-passagg u ghalkemm fil-passat gieli nqalghu x'incidenti fejn il-konvenuti jew min minnhom kienu jippruvaw jostakolaw u jxekklu dan l-access, dawn l-incidenti gew dejjem solvuti bonarjament billi l-konvenuti kienu finalment jirrikonoxxu d-dritt tal-esponenti li jaccedu minn tali passagg u jhallu l-istess passagg liberu;

3. Illi madankollu, is-sitwazzjoni nbidlet radikalment fl-erbgha (4) ta'Awwissu 2014 ghaliex dakinhar il-konvenuti bdew jippretendu li dan il-passagg huwa parti ntegrali mill-proprjeta' taghhom, u qeghdin issa jaghmlu minn kollox sabiex jostakolaw il-passagg liberu tal-esponenti, inkluz billi jipparkjaw il-vettura taghhom b'mod li tali access ma jkunx jista' jigi ezercitat, billi jpoggu oggetti

tqal u ngombruzi b'mod li l-passagg liberu jigi mxekkel, billi ma jhallux lill-esponenti, il-haddiema u kuntratturi u mistidnin taghhom milli jaccedu minn dan il-passagg kif ukoll theddid u nsulti verbali kull meta l-esponenti jippruvaw jghaddu minn dan il-passagg;

4. Illi dan l-atteggjament huwa wkoll rifless fil-fatt li ricentement, il-konvenuti applikaw mar-Registratur tal-Artijiet sabiex jirregistraw dan il-passagg bhala parti ntegrali mill-proprjeta' taghhom – liema applikazzjoni giet irrifjutata mir-Registratur, qabel ma l-esponenti kellhom il-htiega jew l-opportunita' li jintavolaw kawzjoni kontra taghha, ghar-raguni li t-talba tal-konvenuti ma hija sorretta b'ebda dokument anzi l-kuntratti tal-akkwist tal-konvenuti espressament jeskludu l-fatt li dan il-passagg jifforma parti mill-proprjeta' taghhom;

5. Illi dan l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin tal-pussess tal-esponenti in kwantu jirrendi ferm iktar difficli l-access da parti taghhom ghall-proprjeta' taghhom minn Triq Simirat;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tar-rikorrenti billi telfuhom fil-pussess ta' hwejjighom billi ostakolaw il-passagg li minnu huma jaccedu ghall-proprjeta' taghhom minn Triq Simirat meta f'xi gurnata wara l-4 ta' Awwissu 2014 u fil-gimghat sussegwenti l-konvenuti bdew jostakolaw dan il-passagg u rrendew l-access da parti taghhom ghall-proprjeta' taghhom iktar difficli;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jisporgaw l-ispoll vjolenti u klandestin minnhom kommess billi jergghu jpoggu dan il-passagg fl-istat pristinu tieghu u jnehhu kull ostakolu li huma ghamlu fil-passagg imsemmi;

3. Fin-nuqqas illi l-konvenuti jezegwixxu x-xoghlijiet fiz-zmien koncess lilhom, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma a spejjez taghhom, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit nominand.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa l-konvenuti ngunti.

Bir-rizerva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li eccepew:

1. Illi fil-kaz odjern ma jezistux ir-rekwizi necessarji rikjesti mil-ligi ghall-ezercizzju tal-kawza odjerna cioe' l-pussess, l-allegat att spoljattiv u l-ezercizzju tal-azzjoni fiz-zmien xahrejn;

2. Illi fir-realta' huwa difficli li tinkwadra l-allegati azzjonijiet imsemmija bhala li jinkwadraw f'kawza ta' spoll privilegjat. Daqstant huwa wkoll difficli li wiehed jippercepixxi 'att spoljattiv' semplicement ghax wiehed japplika biex jirregistra proprjeta' fuq ismu. Dan bl-ebda mod ma jikkonstitwixxi att spoljattiv fit-termini u rekwizi rikjesti mil-ligi.

3. Salv eccezzjoni ulterjuri kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Rat l-affidavits, xhieda, dokumenti u provi kollha mressqa fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-22 ta' Settembru, 2016 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija kawza dwar allegat spoll. L-atturi jsostnu li huma proprjetarji tad-dar residenzjali taghhom fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, Ghawdex liema dar ghandha wkoll access tramite bieb f'livell divers aktar baxx minn dak ta' Triq Borg Gharib, minn Triq Simirat, Ghajnsielem, Ghawdex. Ezatt quddiem dan il-bieb huwa nkontestat bejn il-partijiet li hemm passagg li jippermetti li wiehed jasal ghall-proprjeta' tal-atturi bil-pass izda mhux bil-vetturi. Il-konvenuti huma proprjetarji tal-fond li jigi adjacenti ghal dik tal-atturi meta thares

lejha minn Triq Simirat, Ghajnsielem, Ghawdex. Sat-tarf tal-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti l-passagg li jwassal ukoll ghall-proprjeta' tal-atturi huwa ferm aktar wiesa' tant li jippermetti li jigu pparkjati zewg vetturi hdejn xulxin filwaqt li jgib tul mhux hazin b'dana li jistghu jipparkjaw diversi vetturi wara xulxin u xorta tista' tghaddi vettura ohra minn maghhom. L'hekk imsejjah passagg in kwistjoni jwassal appuntu ghal fuq Triq Simirat filwaqt li min-naha tal-proprjeta' tal-atturi jaghlaq. A fol. 20 tal-process jinsabu zewg ritratti li jevidenzjaw ferm tajjeb il-passagg in kwistjoni, anki l-parti d-dejqa quddiem id-dar tal-atturi li tidher aktar bajda, il-faccata tad-dar tal-konvenuti u fir-ritratt ta' fuq jidher l-izbokk ta' dan il-passagg ghal Triq Simirat.

Illi l-atturi jsostnu li sal-4 ta' Awwissu, 2014 ghalkemm kienu nqalghu x' incidenti bejnhom u l-konvenuti huma dejjem kienu jidhlu u johorgu liberament f'dan l-imsejjah passagg kemm bil-vetturi, sa fejn dawn jistghu jaslu, kemm bil-pass u kienu anki jipparkjaw fih sabiex jaccedu finalment fir-residenza taghhom mill-bieb li jaghti ghal fuq dan l-istess passagg. Dan ikkonfermawh ukoll diversi xhieda mressqa mill-atturi hafna minnhom hbieb taghhom jew persuni li ghamlu xi xoghol fir-residenza li lkoll sostnew li ghal diversi snin sa minn meta nbniet ir-residenza tal-atturi huma kienu jidhlu f'dan l-imsejjah passagg u jipparkjaw liberament minghajr ma qatt hadd qalilhom xejn filwaqt li jipprosegwu sabiex jaccedu ghall-proprjeta' tal-attur mill-bieb li jaghti ghal fuq il-passagg in kwistjoni.

L-atturi jsostnu li fl-4 ta' Awwissu, 2014 kien hemm disgwit bejn l-attur u l-konvenuti stante li l-konvenuti kienu qed ipoggu f'dan l-isqaq diversi oggetti b'tali mod li kienu jingumbraw l-istess passagg (kif jidher ukoll mir-rtratt a fol. 20 fejn sahansitra jidher tank kbir tal-ilma lejn nofs il-wisgha jserrah fuq karru) u ma jkunux jistghu jaslu bil-vettura taghhom sal-estremita li tippermetti vetturi. L-attur isostni wkoll li l-konvenuti dakinhar wissewh verbalment sabiex ma jersaqx aktar lejn il-passagg ghaliex dak kien proprjeta' taghhom b'tali mod li l-atturi ma setghux jibqghu jaccedu aktar ghar-residenza taghhom mill-bieb li jaghti u fuq il-passagg in kwistjoni.

Illi da parti taghhom il-konvenuti konjugi Magro ghalkemm jikkontestaw l-allegat spoll, fix-xhieda taghhom b'mod partikolari fil-kontro-ezamijiet taghhom ma jikkontestaw bl-ebda mod li verament kienu qed jingumbraw il-passagg in kwistjoni b'oggetti fosthom it-tank

imsemmi u anki b'vetturi pparkjati hdejn xulxin. Wisq anqas jikkontestaw li dakinhar qalu lill-attur li l-passagg kien proprjeta' taghhom u li ma kellux jersaq lejn l-istess passagg:

**'Ix-xhud:** Jien hallejtu jgorr. Drament kien qed igorr l-appliances jien hallejtu jgorru.

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea:** Issa, imbaghad wara l-4 ta' Awwissu 2014, jew dakinhar, inqala' incident. Taqbel mieghi?

**Ix-xhud:** Naqbel. . .

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea:** U minn dakinhar 'il hemm ma hallejtux jidhol aktar.

**Ix-xhud:** Dazgur. . . .

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea:** U inti taqbel mieghi li dan minn Awwissu tat-2014 lil hawn Joebert ma jistax jghaddi minn hemmhekk, hux hekk? Taqbel mieghi?

**Ix-xhud:** Ma tafx li ma jistax. Zammejtu jien.'

(kontro-ezami tal-konvenut a fol. 203 et seq)

**'L-Avukat Dottor Carmelo Galea:** Imma taqbel mieghi, ghax il-mistoqsija tieghi kienet din: Taqbel mieghi li dan kien jidhol minn dak il-passagg liberament? Seta' jidhol u kien jidhol.

**Ix-xhud:** Kien jidhol taf ghaliex, bil-bon volontà taghna. . . .

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea:** Imbaghad f'Awwissu 2014 inqala' x' incident u intom iddecidejtu li ma thalluhx jidhol aktar.

**Ix-xhud:** Iva.

**L-Avukat Dottor Carmelo Galea:** U zammejtuh milli jidhol.

**Ix-xhud:** Iva. . . .

**Il-Qorti:** It-tank tal-ilma fejn għamiltuh? Fejn kien it-tank tal-ilma?

**Ix-xhud:** Kien taht it-tieqa taghna stess. Jigifieri mal-passagg . . .

**Il-Qorti:** Jiġifieri mit-tank 'il hemm ma setax jghaddi hu.

**Ix-xhud:** le ghax hemmhekk hemm dejjaq imbaghad. . . .

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:** Bejn it-tank u t-tarf tat-triq jew it-tarf ta' dan, setghet tghaddi vettura?

**Ix-xhud:** Le.

**L-Avukat Dottor Kevin Mompalao:** It-tarf mhux it-tarf ta' gewwa. Il-wisgha qed nghidlek jien? Mill-wisgha tat-triq.

**Ix-xhud:** Iva, mill-wisgha iva. Imma thokk.'

(kontro-ezami tal-konvenuta a fol. 211 et seq'.

Sahansitra l-avukat tal-konvenuti f'korrispondenza datata 29 ta' Lulju, 2014 (esebita a fol. 41 tal-process) tikkonferma kif isegwi:

'Fir-rigward tal-access ghat-triq, li ghalih ghamilt access fl-ittra minnek spedita, il-klijenti tieghi gharrfuni li ma jidher li fadal l-ebda dizgwid, u l-kljient tieghek qieghed jaccedi ghal din l-istess triq bl-iktar mod liberu.'

Jirrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm din il-korrispondenza ntbaghtet minghajr pregudizzju, fl-atti ma sabet l-ebda oggezzjoni tal-konvenuti kontra li din tibqa' esebita fl-atti bhala prova.

Illi anki jekk dak suespost ma kienx bizzejjed ghal din il-Qorti, jirrizulta li kienu l-istess konvenuti fil-verzjoni li huma stess taw lill-pulizija (li wkoll dahlu fil-kwistjoni wara li sar rapport lilhom nhar l-4 ta' Awwissu, 2014) li ammettew kif isegwi:

'Il-Pulizija marret u tkelmet ma' John Magro u ma' Alfreda Magro li hija martu u dawn stqarrew mal-Pulizija li vera kienu qalulu sabiex ma jidholx iktar go din l-imsemmija trejqa ghalhiex dik kienet proprjeta' privata taghhom . . . .'. (fol. 80)

Illi rrizulta wkoll mill-atti ampjament pruvat li ghalkemm ftit gimghat qabel l-allegat spoll, il-konvenuti pruvaw jirregistraw l-imsejjah passagg jew trejqa bhala proprjeta' taghhom din l-applikazzjoni ma rnexxietx u giet rifjutata (ara b'mod partikolari x-xhieda ta' Dr. Marlin Vella a fol. 95 et seq). L-intavolar ta' tali applikazzjoni ftit jiem qabel l-incident izda l-Qorti tqisha bhala prova cirkostanzjali se mai kontra l-istess konvenuti u l-agir taghhom fil-konfront tal-atturi nhar l-4 ta' Awwissu, 2014 u cioe' l-pretensjoni li l-passagg kien proprjeta' taghhom.

Illi l-Qorti tinnota wkoll illi tul il-mori kollu tal-kawza l-konvenuti jibqghu jinsistu li skont huma l-passagg in kwistjoni huwa proprjeta' taghhom. Nonostante dan u bi skapovolgiment ta' dak kollu li nsistew fuqu fil-mori tal-kawza, fis-sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti jinsistu li l-passagg in kwistjoni huwa fil-fatt triq pubblika u li ghaldaqstant ai termini tal-artikolu 524 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, la darba l-atturi ma jistghux jakkwistaw l-ebda jedd fuq triq pubblika ghax skont huma ma jistghux jipposjedu jeddijiet fuq triq pubblika, allura l-kawza tentata minnhom ta spoll ma tistax tirnexxi.

Illi l-Qorti nnotat ukoll li fl-atti l-konvenut fix-xhieda tieghu jsostni sahansitra li ghandu l-prova li l-passagg mhux proprjeta' tal-Gvern izda ghalkemm jesebixxi ittra (fol. 120) li allegatament tissostanzja dan kollu din l-ittra ma tindikax ghal-liema passagg qed tirreferi filwaqt li l-konvenut naqas milli jesebixxi maghha s-'site plan' li suppost tindika l-passagg imsemmi fl-ittra. Dan kollu jfisser li ma tressqet l-ebda prova li l-proprjeta' mhijiex tal-Gvern kif isostni l-konvenut fix-xhieda tieghu liema xhieda hija fuq kollox kontradetta mis-sottomissjonijiet tal-istess konvenuti fejn jammettu anzi jinsistu ferm li l-passagg in kwistjoni fil-fatt jikkonsisti fi triq pubblika.

Illi finalment fl-atti jirrizulta li minn dakinhar li l-atturi gew mhedda sabiex ma jersqux aktar lejn il-passagg, apparti l-oggetti ta' ngombru fl-istess passagg li rrendew il-passagg ghall-bieb residenzjali taghhom aktar difficli, l-atturi ma ghaddewx aktar minn hemm sabiex jevitaw inkwiet mal-istess konvenuti b'dana li lanqas setghu juzaw il-bieb tar-residenza taghhom stess.

**Principji Legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, imnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqeghda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u li dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet **Delia vs Schembri** (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

---

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza **Margherita Fenech vs Pawla Zammit** (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna'* (Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:
'*All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione* **..**'[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]
u
*'neanche e' permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge*

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*
[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

*non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anke qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi** deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) **f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar**, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament **f'Georgina Borg v. Errol Cassar et** (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi ghal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (**MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri,** Prim' Awla, Qorti

[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi ghal dak li huwa l-element tal-*infra bimestre* huwa l-istess attur li genwinament jammetti li qabel l-incident tal-4 ta' Awwissu, 2014 kien hemm incidenti ohra izda jispjega fl-affidavit tieghu kif ukoll fil-kontro-ezami li dawn qatt ma wasslu sabiex l-atturi ma jibqghux juzaw liberament il-passagg jew trejqa in kwistjoni biex jaccedu ghall-bieb tar-residenza taghhom. Jirrizulta li effettivament l-incident li verament zamm lill-atturi milli jkunu jistghu jaccedu liberament ghat-trejqa in kwistjoni kemm bil-mixi kif ukoll bil-vetturi taghhom u jaslu sal-bieb tar-residenza kien dak tal-4 ta' Awwissu, 2014 fejn il-konvenuti *ex admissis* wissew jew fi kliem l-atturi heddew lill-atturi biex ma jghaddux aktar minn hemm u sahansitra hallew barra tank tal-ilma enormi bit-*trailer* tahtu li l-konvenuta stess tammetti li jaghmilha difficli hafna li tghaddi karrozza minn mieghu sabiex tghaddi aktar 'il gewwa fit-trejqa. Din il-Qorti hija sodisfatta li tressqu provi sufficjenti fl-atti li jevidenzjaw li l-incident tal-4 ta' Awwissu, 2014 kien l-incident li verament waqqaf lill-atturi jew almenu rrenda aktar difficli l-uzu liberu li l-atturi kienu qed jaghmlu mit-trejqa in kwistjoni sabiex jaccedu finalment ghall-bieb tar-residenza taghhom kif kienu jaghmlu sa dak il-jum. Il-kawza odjerna giet prezentata nhar il-11 ta' Settembru, 2014 u ghaldaqstant l-element tax-xahrejn hu aktar milli sodisfatt.

Illi dwar l-element tal-*ispoliatium fuisse* jkompli l-argument imqajjem fl-ahhar paragrafu minn din l-istess Qorti u cioe' li jirrizulta li kien l-incident tal-4 ta' Awwissu, 2014 fejn tpogga t-tank tal-ilma fit-triq b'tali mod li ostakola ferm u certament illimita l-mod kif l-atturi kienu qed juzaw it-trejqa in kwistjoni sa dakinhar u cioe' fejn qabel setghu liberament jaccedu kemm bil-vetturi kif ukoll bil-mixi ghall-bieb tar-residenza taghhom, dan it-tank ghamilha difficli hafna li l-atturi jghaddu mit-trejqa bil-vetturi taghhom anki sabiex semplicement jipparkaw aktar 'il gewwa fl-istess trejqa. Anki li kieku t-tank per se ma kienx bizzejjed, il-Qorti tqis li l-agir tal-konvenuti li kwazi kwazi heddew lill-atturi sabiex ma jersqux l-hemm ghaliex skont huma t-trejqa kienet taghhom, din il-Qorti wkoll tqisu bhala atti spoljattiv stante li certament *in forma mentis* illimita l-mod kif l-atturi kienu jezercitaw l-access taghhom minn fuq din it-trejqa tant illi minn dakinhar'il quddiem l-atturi hassew li ma setghux jaghmlu aktar uzu mit-trejqa u mill-bieb

tar-residenza proprjeta' taghhom stess li jaghti ghal fuq it-trejqa. Il-Qorti b'referenza wkoll ghall-provi kollha fl-atti, tqis ghalhekk li l-element tal-*ispoliatum fuisse* gie wkoll sodisfatt mill-atturi.

Jonqos ghalhekk li jigi kkunsidrat l-element tal-pussess jew mera detenzjoni. Kif gia accennat aktar 'il fuq il-konvenuti fl-atti jinsistu li sa dakinhar li sehh l-att spoljattiv kif ukoll tista' tghid sal-ahhar seduta quddiem din il-Qorti l-intenzjoni taghhom dejjem kienet li jwaqqfu l-atturi milli juzaw it-trejqa in kwistjoni ghaliex skont huma din kienet taghhom. Huwa biss fis-sottomissjonijiet taghhom li ohrog l-ghageb il-konvenuti finalment jaccettaw li t-triq hija wahda pubblika u jipprovaw idawru dan il-fatt a favur taghhom sabiex din il-Qorti titfa' barra mit-tieqa din il-kawza ta' spoll tentata mill-atturi ghaliex skont huma l-atturi qatt ma seta' jkollhom pussess ta' triq pubblika.

Din il-Qorti izda dwar l-argument imqajjem mill-konvenuti u cioe' dwar il-fatt li t-triq in kwistjoni hija pubblika u l-ammissjoni fl-ahhar tal-atti (cioe' fis-sottomissjonijiet finali) da parti tal-konvenuti li din it-triq hija wahda pubblika u ghaldaqstant certament mihijiex taghhom, limitatament ghal din il-kawza ta' spoll, issostni li hija ghandha thares lejn jekk l-elementi tal-ispoll kienux sodisfatti dakinhar tal-ispoll u dak li sehh wara m'ghandux ikollu rilevanza ai fini tad-decizjoni finali taghha. In oltre, il-konvenuti ghalkemm jikwotaw l-artikolu 524 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta li jaghmel referenza limtitatament ghal dak li huwa pussess, jinsew li l-azzjoni ta' spoll tapplika wkoll ghall-mera detenzjoni. Jirrizulta lil din il-Qorti li dakinhar tal-4 ta' Awwissu, 2014 l-atturi kienu liberament jaccedu mit-trejqa in kwistjoni minghajr ebda xkiel u juzaw il-bieb tar-residenza proprjeta' taghhom li jaghti ghal fuq l-istess trejqa. Certament ghalhekk ghandhom jitqiesu li kellhom mill-anqas il-mera detenzjoni ghal tali access fuq din it-trejqa jew ghall-inqas li jidhlu mill-bieb proprjeta' taghhom stess! Il-konvenuti *ex admissis* wissewhom (fi kliem l-atturi heddewhom) biex ma jibqghux jghaddu u sahansitra poggew oggetti fosthom tank tal-ilma enormi li jekk ma waqqafx kompletament illimita ferm id-detenzjoni tal-access li l-atturi kienu jgawdu fuq it-trejqa.

Illi l-Qorti in oltre ma tqisx li kien b'kumbinazzjoni li malli l-konvenuti rcevew il-kawza odjerna, it-tank in kwistjoni tnehha u tiddikjara li ma temminx il-verzjoni tal-konvenuta fil-kontro-ezami taghha fejn tghid li dan tnehha ghaliex KUMBINAZZJONI fl-istess jiem dan kien tnaddaf.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti tqis, wara li rat kelma b'kelma l-atti kollha tal-kawza u in vista tal-konsiderazzjonijiet kollha taghha kif suesposti, li l-atturi ssodisfaw l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex l-azzjoni ta' spoll tentata minnhom kontra l-konvenut tirnexxi.

Illi finalment f'kawza ta' spoll apparti li din il-Qorti tigi mitluba tiddikjara l-ispoll, kif gara wkoll f'din il-kawza, tigi mitluba li tordna lill-konvenuti jisporgaw l-ispoll vjolenti u klandestin kommess minnhom. F'dan ir-rigward, jirrizulta lil din il-Qorti, li finalment il-konvenuti ammettew fis-sottomissjonijiet taghhom li t-trejqa in kwistjoni hija wahda pubblika u mhux proprjeta' taghhom. Dan neccessarjament jimplika li kulhadd huwa liberu li jaghmel uzu minn din it-trejqa liberament bhal kull cittadin iehor fil-limiti tal-ligi u dan billi jghaddi kemm bil-mixi kif ukoll bil-vetturi. Finalment kulhadd ghandu dritt li jipparkja l-vettura tieghu skont il-ligi nkluz billi ma jaghlaqx lil hadd iehor u li bl-ebda mod ma jingombra t-triq, inkluz b'tankijiet tal-ilma kbar jew oggetti ohra (li certament mhux legali li jithallew barra fit-toroq jekk mhux b'permess ottjenut mill-awtoritajiet koncernati). Jirrizulta wkoll li l-oggett principali li kien qed jingombra din it-triq u cioe' t-tank tal-ilma tnehha mill-konvenuti malli gew notifikati bil-kawza odjerna. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tqisx li hemm il-bzonn li jigu milqugha t-tieni u t-tielet talbiet attrici ghalkemm l-ispejjez tal-istess xorta wahda ghandhom ibaghtuhom il-konvenuti stante li l-ammissjoni taghhom li t-trejqa hija wahda pubblika saret biss fi stadju ta' nota ta' sottomissjonijiet finali u li kieku din saret qabel setghet anki effettivament evitat il-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi finalment din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin ghad-dannu tal-atturi billi telfuhom fil-pussess ta' hwejjighom billi ostakolaw l-passagg li minnu huma jaccedu ghall-proprjeta' taghhom minn Triq Simirat meta f'xi gurnata wara l-4 ta' Awwissu 2014 u fil-gimghat sussegwenti l-konvenuti bdew

jostakolaw  dan il-passagg u rrendew l-access da parti taghhom ghall-proprjeta' taghhom iktar difficli;

2. Stante l-ammissjoni fis-sottomissjonijiet tal-konvenuti li l-passagg in kwistjoni jikkonsisti fil-fatt fi trejqa pubblika u ghalhekk il-konvenuti ma ghandhom l-ebda jedd fuq l-istess ghajr dawk li jgawdi kull cittadin, kif ukoll stante li jirrizulta li l-ostaklu li tpogga fl-istess trejqa mill-konvenuti gia tnehha, tichad it-tieni u t-tielet talbiet attrici.

Ghar-ragunijiet suesposti, l-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuti li facilment b'naqra buon sens setghu evitaw din il-kawza.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur